## AHBARIJIET

L-aħħar laqgħa tal-5 ta' Mejju bdiet b'purċissjoni qasira kif waslet Ġuża Mifsud; in-nisa, libsin libsa ċelesti kif qalet Ġuża li xtaqet il-Madonna, imxew wara l-bandalora tal-"Konsagrazzjoni" sa l-istatwa.
Minbarra l-bandalori u l-bandieri żgħar li żejnu d-dawra kollha tal-Għalqa-santwarju, għogbuna l-ħafna bozoz tal-eletriku, kollha kkuluriti, li xegħlu għall-ewwel darba f'dan il-post.
Min kien preżenti seta' jinduna bl-apparat ġdid tal-*Loud Speakers*, u li Ġuża kellha mikrofonu żgħir imdendel ma' għonqha. Dan kien pass 'il quddiem.
Ninnotaw bi pjaċir li l-folla li tiġi titlob fil-għalqa mbierka mill-Madonna, tikber dejjem, u li n-numru tal-irġiel jiżdied kull darba.
Ix-xemx żiedet il-kontribut tagħha għal din l-okkażjoni meta fl-aħħar tal-laqgħa kulħadd stagħġeb bil-movimenti tagħha, u kif stajna nħarsu lejha mingħajr diffikultà, f'sema bla sħab!...
Punt importanti li semmiet Ġuża f'din il-laqgħa, kien il-fejqan tagħha stess kif rappurtat f'dan il-Fuljett.

## GRAZZJI MAQLUGĦA

### Minn rapport ta' Ġuża Mifsud:

Fil-31 ta' Marzu 1990, Ġuża ħasset li kienet se tmut bil-qtugħ ta' nifs li kellha; tant li bagħtet għall-ġirien. Dawn, meta raw l-istat ta' Ġuza ċemplu għat-tabib. Fl-10.30 p.m. tant kellha qtugħ ta' nifs li kienet se ċċempel lil saċerdot biex jiġi jtiha l-Griżma tal-morda. Hi bdiet titlob lill-Madonna biex tgħinha. Fil-ħin semgħet leħen il-Madonna li qaltilha biex tħares lejn il-gradenza fejn kien hemm flixkun tal-ilma mbierek mill-Madonna. Ġuża xorbot minnu u n-nifs minnufih ġie għan-normal.

L-Erbgħa, 25 ta' April 1990, Ġuża kellha kuntatt mal-Madonna li tatha xi tagħrif fuq it-tbatijiet li kienet qed issofri minnhom. Ġuża rringrazzjat 'l Alla u qabdet il-kitla bil-misħun u t-*thermos* u kienet tiela' fil-kamra ta' fuq biex tkompli titlob u tfaħħar 'l Alla. Fl-aħħar targa tfixklet u l-misħun waqa' fuq saqajha t-tnejn u nstamtet. Leħen il-Madonna qalilha biex ma tikkonfondix, għax kienet se tgħinha. Fil-fatt Ġuża ħaslet il-ferita bl-ilma fietel u għamlet fuqha ftit *terramycine* u l-uġigħ kbir ta' ħruq għaddielha għal kollox u l-ħmura tas-samta għebet kważi għal kollox.

## L-GĦALQA–SANTWARJU FEJN ISIRU L-LAQGĦAT TA' KULL KULL XAHAR.

Din l-għalqa tinsab il-Girgenti f'wied li hu "l-għejra tal-widien". Ġuża tgħid li hawn hi rat 'il-Madonna ħafna drabi u għalhekk semmiet l-istatwa li hemm fl-għalqa:

**"Il-Madonna tal-Girgenti".**



DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawn-hekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press, Żabbar — Ġunju 1990

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 2 — JITQASSAM BLA ĦLAS

## MEJJU U ĠUNJU XHUR TA' TIFKIRIET SBIEĦ

Mejju jġib miegħu ħafna ħsibijiet sbieħ. Id-devozzjoni tal-Madonna tinħass aktar f'dan ix-xahar bit-tiżjin ta' Statwa ta' Ommna Marija Santissima, fid-djar ta' ħafna Maltin u bir-Rużarju ta' kuljum fil-familja miġbura madwar l-istatwa jew, fejn possibli, fil-knisja qabel il-quddies ta' filgħaxija.

Għalina li nattendu il-laqgħat ta' talb il-Girgenti, il-5 ta' Mejju fakkarna fl-ewwel pellegrinaġġ li sar 1986, mis-Siġġiewi għall-Girgenti meta l-istatwa tal-Madonna ġiet meħuda fil-għalqa tad-dehriet. Dan kien ir-raba' anniversarju.

Din is-sena Mejju hu xahar li Malta ma tinsieh qatt imħabba il-miġja tal-Papa fostna. Forsi hawn min jaħseb li l-Papa ma jafx bil-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Għal dawk li ma jafux, ngħidulhom li Ġuża bagħtitlu inkwadru kbir tal-Madonna permezz ta' Mons. Buontempo, xi snin ilu. Il-Papa wera l-ħajr tiegħu meta bagħat jirringrazzja lill-Monsinjur u lil Ġuża permezz tan-Nunzju Appostoliku.

Il-Papa Ġwanni Pawlu II hu magħruf għad-devozzjoni tiegħu lejn il-Madonna. Kulħadd jiftakar kif Marija Santissima ħelsitu kemm-il darba minn attentati ta' qtil. Jalla l-miġja tiegħu hawn Malta issaħħaħ il-Fidi tagħna u tagħmilna poplu wieħed mill-ġdid taħt il-mant tal-Omm tagħna lkoll, Marija Santissima.

Ġunju wkoll hu importanti għalina għax fit-8 tax-xahar jaħbat it-tieni anniversarju tal-fenomini straordinarji tax-xemx li raw xi 300 ruħ li attendew għal-laqgħa ta' talb dakinhar, minkejja tat-temp ħażin. Għad niktbu aktar fit-tul fuq din il-ġrajja.

Ma ninsewx li kull ma tagħmel il-Madonna magħna hu biex aħna nersqu aktar qrib Ġesù, il-Feddej tagħna.

# ID-"DEHRIET" TA' MIN JEMMINHOM?

Kull meta ssir xi ġrajja li jkollha xejra ta' sopranaturali (bħal tixrid ta' dmugħ minn għajnejh statwa, rapporti ta' dehriet ta' xi qaddis jew ta' fenomini fis-sema) mill-ewwel wieħed jistaqsi: "Xi tgħid il-Knisja".

Jeħtieġ li nifhmu li l-Knisja qatt ma tgħaġġel biex tagħti l-apporvazzjoni tagħha għal dawn il-ġrajjiet (inkulżi dawk tal-Girgenti) u tagħti aktar importanza għall-ħidma pastorali. Allura jaqbel li nimxu mad-direttivi li tagħna t-teologu magħruf René Laurentin biex naraw jekk hemmx "kredibilità" jiġifieri jekk dawn il-ġrajjiet jurux serjetà u li huma ta' min jemminhom sakemm l-Awtoritajiet jagħtu d-deċiżjoni tagħhom.

Dawn huma l-kriterji:

1. Hemmx biżżejjed tagħrif fuq dak li ġara, għall-ġudizzju tal-Knisja.
2. Jekk il-messaġġi u l-ġrajjiet in ġenerali jaqblux f'kollox mal-Fidi u l-Morali tal-Knisja.
3. Jekk dawn il-ġrajjiet għandhomx x'jaqsmu ma' Alla, ma' Kristu, mal-Vangleu, mal-qadi tad-dmirijiet lejn Alla u l-bnedmin, għall-ġid tal-Fidi, tas-sliem (feliċità) u tal-paċi.
4. Jekk hemmx sinjali li juru l-id ta' Alla: fejqan, konverżjonijiet, u mirakli oħra (bħaż-żifna tax-xemx f'Fatima) u fenomini oħra fis-sema.
5. X'jgħidu l-esperti fuq is-saħħa jew mard ta' min jara d-dehriet. Biss, hawn, wieħed għandu jiftakar li Alla għandu l-jedd li jinqeda b'min irid Hu.
6. Hu essenzjali li jkun hemm "frott tajjeb". Id-dehriet, il-messaġġi għandhom ikollhom l-iskop li jservu għall-ġid ta' ħaddieħor u mhux biss ta' min jarahom.
7. Il-Knisja hi favur jew kontra?... Hi tkun żgur kontra jekk ikun hemm xi ħaġa kontra l-Fidi jew il-Morali Kattolika.

Minbarra dan, għandna nkunu nafu li "dehriet, apparizzjonijiet u fenomeni" ma jaqgħux taħt l-Infallibiltà tal-Knisja. Tista' temmen u tista' ma temminx fihom. Imma kwalunkwe deċiżjoni tal-Knisja rigward il-Fidi u l-Morali għandha tiġi obduta.

Fl-aħħarnett nistaqsu: "Il-Knisja qatt ċaħdet jew ikkundannat il-Ġrajjiet tal-Girgenti?... QATT. Jgħodd dak li tgħid l-Awtorità u mhux il-gazzetti.

---

# MA NIŻOLAWX IL-GIRGENTI – 1

Bil-"Ġrajjiet tal-Girgenti" għandna nifhmu dak kollu li seħħ f'Wied il-Girgenti u d-dar stess ta' Ġuża Mifsud minn mindu din kellha l-ewwel kuntatt mal-Madonna, meta hi kellha ħmistax-il sena w seba' xhur, jiġifieri minn Awissu 1938.

Fil-fuljetti li għad noħorġu, nippruvaw nuru kif dawn il-ġrajjiet jiffurmaw ħolqa, f'katina twila ta' dehriet ta' Ġesù, tal-Madonna u qaddisin oħra (lill-istess nies) dehriet imxerrdin mad-dinja kollha, dawn l-aħħar ħamsin sena. Imma b'daqshekk ma rridu ngħaddu l-ebda ġudizzju fuq dak li jista' jkun hemm sopranaturali f'dawn il-ġrajjiet straordinarji li ħafna minnhom, dawk l-aktar qrib tagħna, għad mhumiex approvati uffiċċjalment mill-Knisja.

**Dehriet sal-1920**

Fl-imgħoddi mbiegħed insibu 'l-Madonna tidher lil Juan Diego f'Tepeyac, ħdejn Guadalupe, fil-Messiku, fl-1531.

Imma, aktar qrib lejna, fl-ewwel minn sensiela ta' dehriet li saru aktar spissi, insibu lil Cathérine Labouré tara 'l-Madonna kif tidher fid-domma mirakoluża. Dan ġara f'Pariġi fl-1830.

Wara din, kien f'La Salette li tlett itfal raw lill-Madonna fl-1846 u tnax-il sena aktar tard seħħet il-ġrajja l-aktar magħrufa fid-dinja, id-dehra tal-Madonna lil Bernadette, f'Lourdes, in-naħa t'isfel ta' Franza.

Waqt il-gwerra bejn il-Ġermanja u Franza, fl-1871, il-Madonna dehret f'Pontmain tħeġġeġ lit-tfal li kienu jarawha, biex jitolbu għall-waqfien tal-Gwerra, kif ġara ftit wara u l-Ġermanijżi ma waslux sa dak ir-raħal.

Hawn Malta kulħadd sema' bil-Madonna ta' Pinu. Din id-darba, fl-1883, Karmni Grima semgħet lill-Madonna ssejħilha imma ma rathiex; hekk ukoll Frenċ tal-Għarb. Kien aktar tard fil-ħajja ta' Karmni, kif nafu mill-istqarrijiet tagħha lill-konfessur Dun Anton Vella, li bejn Ġunju 1914 u Frar 1920 hi rat lill-Madonna xi seba' darbiet; Ġesù wkoll kien jidhrilha , u jwieġeb għall-mistoqsijiet tagħha.

Fl-istess żmien, jiġifieri fl-1917, tlett itfal, (fosthom Luċija), raw lill-Madonna fir-raħal ta' Fatima, fil-Portugall. Illum, dan il-post sar ċentru ta' pellegrinaġġi mid-dinja kollha. Safrattant għaddew ħafna snin qabel ma l-Knisja approvat uffiċċjalment dawn id-dehriet.

Darb'oħra ngħidu x'ġara wara l-1920.

---

Ibagħtu l-korrispondenza tagħkom – opinjonijiet – mistoqsijiet – grazzji maqlugħa – kontribuzzjonijiet oħra lil: "Leħen il-Girgenti"
c/o 16 St. James Str.,
Siggiewi.